# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 27 ta' Gunju 2001

Citazzjoni numru 670/99 AJM

Kawza numru

Kevin Buttigieg

Vs

Saviour Sammut

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-22 ta' Marzu 1999 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li kien sar ftehim bejn il-kontendenti fejn il-konvenut ikkonsenja xarabank tal-marka Serpum numru ta' registrazzjoni 577 u dan taht arrangament taht forma ta' hire purchase fejn l-attur kellu jhallas percentagg mill-introitu li ghamel fuq ix-xarabank lill-konvenut u meta jkun hallas is-somma ta' LM30,000 allura x-xarabank jdur fuqu; illi in effetti l-attur lahaq hallas is-somma ta' LM7,000; illi fit-13 ta' Jannar 1999 b'mod abbuziv u illegali il-konvenut qabad u ha x-xarabank lura u b'hekk kiser unilateralment il-ftehim vigenti bejn il-kontendenti; illi d-debitu huwa vert, likwidu u dovut; illi l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti in kontro trattazzjoni

ghat-talbiet attrici u ghalhekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikoli 167 – 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; talab li din il-Qorti:-

1. tiddecidi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu 167 – 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. tikkundanna lill-konvenut ihallas u jirrifondi lura s-LM7,000 lill-attur.

Bl-ispejjes u l-imghax u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda ta' l-attur.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-7 ta' Matzu 2000 meta l-konvenut, wara li ta' ruhu b'notifika bic-citazzjoni, talab li jinghata l-fakolta li jikkontesta t-talba billi "*huwa ma ghandu ebda relazzjoni mal-attur in konnessjoni mal-akkwist tax-xarabank".* Din it-talba giet milqugha.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fl-14 ta' Marzu 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante illi dak allegat mill-attur huwa ghal kollox inveritier ghaliex qatt ma ezistit ebda relazzjoni allegata mill-istess attur.
2. Illi, minghajr pregudizzju, l-eccipjent personalment ma ghandu ebda relazzjoni guridika ma'l-attur ghaliex dejjem innegozja ghan-nom tas-socjeta' kummercjali ZS Company Limited.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Hadet konjizzjoni tal-provi tal-partijiet fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni u cioe dik li l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur.

Semghet lid-difensuri tal-kontendenti.

Ittrattat l-eccezzjoni in kwistjoni.

Ikkunsidrat:-

L-attur hawn qed jitlob rifuzjoni ta' somma li huwa allegatament hallas lill-konvenut bhala konsiderazzjoni ta' "hire purchase agreement" fir-rigward ta' karozza tal-linja imsemmija fic-citazzjoni. Hu jghid li sar ftehim mal-konvenut biex jixtri l-imsemmija vettura bil-prezz ta' LM30,000 li kellhom jithallsu fuq firxa ta' snin bi pagamenti ta' LM150 jew LM200 kull hmistax. Il-konvenut qed isostni da parti tieghu li hu ma ghandu ebda relazzjoni ma' l-attur billi hu personalment qatt ma nnegozja l-bejgh ta' xarabank in kwistjoni ma' l-attur u li kienet biss is-socjeta' ZS Company Ltd. Li ghamlet dan.

Jirrizulta mix-xiehda ta' l-attur u f'dan ir-rigward ma jidhirx kontradett mill-istess konvenut, li l-attur qatt ma kien jaf bis-socjeta' in kwistjoni u kien biss wara hafna zmien li semgha bl-isem ta' din is-socjeta'. Lanqas ma jidher li fl-okkazzjoni meta sar l-allegat negozju issemmiet din is-socjeta'. Infatti mill-provi jirrizulta li lanqas kieku ried il-konvenut ma setgha jsemmi din is-socjeta' billi mid-dokumenti relattivi ghall-formazzjoni ta' din is-socjeta' jirrizulta (fol 149) li din giet inkorporata fid-19 ta' Frar 1998 u cioe aktar minn xahar wara li sar l-ewwel pagament ta' LM150 kif jidher mil-libret ezebit a fol 69 et

sequitur fejn il-konvenut accetta li kien jiffirma ghall-pagamenti minnu ricevuti in konnessjoni ma' l-allegat ftehim.

Illi fic-cirkostanzi jidher li l-eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi respinta billi kull trattativi li saru bejnu u l-attur kienu qed isiru mill-konvenut eprsonalment. Dan naturalment minghajr pregudizzju ghall-mertu.

L-eccezzjoni sollevata mill-konvenut qed tigi michuda bl-ispejjes kontra tieghu.

Onor Imhallef Albert J. Magri.